

Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11435/26

LIMITE

AG 108
INST 281
PE 91

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Ittra mis-Sur Pascal SCHONARD, Direttur tal-Awtorità għall-Partiti Poliċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Poliċi Ewropej (APPF), dwar fatti li jifgħu dubju fuq il-konformità tal-Partit Ewropa tan-Nazzjonijiet Sovrani mal-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni relatati mal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni - Abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill

Il-Kunsill ikkunsidra l-ittra mill-APPF (ST 9718 2026 REV 1) li fiha infurmat lill-Kunsill bil-fatti li l-Awtorità tqis li jixħtu dubju fuq il-konformità ta' partit politiku Ewropew speċifiku mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punti (d) u (e), u l-Artikolu 3(2), il-punti (c) u (d) tar-Regolament dwar il-partiti poliċi u l-fondazzjonijiet Ewropej.

Il-Kunsill jinnota li l-Parlament Ewropew, fis-sessjoni plenarja tiegħu tas-7 ta' Lulju, iddeċieda li jitlob verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni mill-partit politiku Ewropew speċifiku kkonċernat.

Il-Kunsill jirrispetta li issa għaddej proċess indipendenti, li permezz tiegħu l-APPF ser tagħti lill-Partit Politiku rilevanti opportunità biex iwieġeb għall-valutazzjoni tiegħu u biex jintroduċi miżuri biex jirrimedja s-sitwazzjoni fi żmien xahar minn meta jirċievi l-informazzjoni. L-Awtorità mbagħad tissottometti l-evidenza tagħha, l-osservazzjonijiet magħmula mill-partit politiku Ewropew, u fejn applikabbli d-deskrizzjoni tal-miżuri korrettivi meħuda minn dak il-partit, lill-Kumitat ta' Persuni Eminent Indipendenti għall-valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Ser tkun ir-responsabbiltà tal-APPF li tiddetermina jekk il-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni ġewx issodisfati.

Il-Kunsill ifakkar fil-valuri tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u jhegġegħ lill-partijiet kollha biex josservaw dawk il-valuri inkluż fit-twettiq ta' dan il-proċess. Il-Kunsill ser iżomm lilu nnifsu infurmat hekk kif dan il-proċess j avvanza u ser jerġa' lura għall-kwistjoni kif meħtieġ.

